MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru 524/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Anthony Dalli**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Dalli ta' 26 sena iben Anthony u Maria Dolores nee' Cauchi mwieled Pieta fis-17 ta' Novembru 1982 u residenti 7 Triq Wenzu Gafa' Qormi, ID 631282 (M).**

**Akkuzat talli nhar il-Gimgha 1 ta' Mejju 2009 gewwa l-Belt Valletta u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer**

**(a) ffalsifika, biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali**

**ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew**
**(b) ghamel uzu, xjentament, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew**
**(c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe diversi DVDs b'films u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a), (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**2. u iktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, ddupplika jew mod iehor pproduca jew kkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsensi kemm ta' l-Avukat Generali kif wkoll ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat li jgib in-numru 6312/1982 u l-fedina penali netta tieghu.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a) (c) (f) u 298 B tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tiddisponi mill-piena kif gej:**

**Qed tikkundannah ihallas multa ta' 500 Euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 50 euro kull erba' gimghat bl-ewwel pagament isir fi zmien erba'**

**gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Kif wkoll wara li semghet lill-Avukat Difensur abbilment jiddeskrivi l-istat li ghaddej minnu l-imputat, qed tpoggi lill-imputat that il-harsien ta' Probation Officer ghal sentejn li jibdew jiddekorru millum.**

**Il-Qorti spjegat xi jfisser l-Artikolu 7 tal-Kap 446 b'dettalji carissimi.**

**Fl-ahhar nett qed tordna d-distruzzjoni ta' l-esebiti that il-harsien tar-Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------